



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, l-20 ta' Ġunju 2022

Mhux l-investimenti kollha għall-iżvilupp rurali jwasslu benefiċċji durabbli

Mill-2007 'l hawn, il-Kummissjoni Ewropea nefqet aktar minn EUR 25 biljun mill-fondi għall-iżvilupp rurali biex tiddiversifika l-ekonomija rurali tal-UE u biex ittejjeb l-infrastruttura fiż-żoni rurali. Madankollu, skont rapport speċjali li ġie ppubblikat illum mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), is-suċċess ta' dawn il-miżuri kien iwarja sinifikattivament fost l-Istati Membri u fost is-setturi. Pereżempju, il-prestazzjoni ekonomika dgħajfa u l-użu privat illeġittimu jaffettwaw id-durabbiltà u l-vijabbiltà ta' proġetti ffinanzjati mill-UE fit-turiżmu rurali. L-awdituri jirakkomandaw li l-Kummissjoni Ewropea tikkondividi informazzjoni dwar l-aħjar modi kif il-fondi jistgħu jiġu kanalizzati b'manjera aktar effettiva lejn proġetti vijabbli, kif jista' jiġi mitigat ir-riskju li proġetti jiġu adattati għal skop differenti għall-użu privat, u kif jista' jiġi sfruttat il-potenzjal ta' bażijiet kbar ta' data.

"L-UE investiet sinifikattivament f'miżuri biex l-ekonomija rurali ssir inqas dipendenti fuq l-agrikoltura u l-forestrija, biex jinżammu u jinħolqu l-impjeggi, u biex ittejjeb l-infrastruttura fiż-żoni rurali," qal Viorel Ștefan, il-Membru tal-QEA li mexxa l-awditu. *"Iżda jenħtieġ li l-proġetti ffinanzjati mill-UE f'dawn iż-żoni jkunu durabbli, u aħna naħsbu li jenħtieġ li l-UE tagħmel aktar biex tippromwovi proġetti li jgħibu benefiċċji dejjiema u valur għall-flus mill-appoġġ li jingħata mill-UE."*

L-awdituri analizzaw varjetà ta' proġetti li kienu ngħataw appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), u sabu li l-biċċa l-kbira minnhom kienu għadhom operazzjonali fi tmiem il-perjodu ta' ħames snin meħtieġ legalment. Dan kien partikolarment minnu għall-proġetti ta' infrastruttura (bħal appoġġ għat-tiġdid ta' rħula, jew għall-bini jew it-titjib ta' toroq, u ta' networks tal-ilma u tad-drenaġġ), minħabba li l-infrastruttura hija ġeneralment maħsuba biex iddum għal żmien twil. Iżda terz tal-proġetti ta' diversifikazzjoni – proġetti mmirati lejn il-promozzjoni ta' attivitajiet mhux agrikoli jew lejn l-appoġġ ta' opportunitajiet ġodda għan-negozju – kienu waqfu joperaw saż-żmien meta twettaq l-awditu, anke f'każijiet fejn kien ġie pprovdut livell għoli ħafna ta' investiment. L-investimenti fl-akkomodazzjoni turistika kienu fost il-proġetti ta' diversifikazzjoni li l-aktar li ġew appoġġati komunement.

L-awdituri identifikaw varjazzjonijiet sinifikanti bejn setturi u Stati Membri differenti. Pereżempju, fil-Polonja, il-proġetti ta' servizzi għall-agrikoltura u l-forestrija kienu inqas durabbli minn proġetti f'setturi oħra fil-perjodu 2007-2013. Matul dan il-perjodu, f'diversi Stati Membri, l-akkomodazzjoni turistika kienet irċeviet appoġġ anke meta ma kinitx ekonomikament vijabbli, u f'xi każijiet tnediu investigazzjonijiet fl-użu privat ta' bini ffinanzjati bħala akkomodazzjoni turistika. L-awdituri żvelaw

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

każijiet oħra fejn proġetti ta' akkomodazzjoni turistika għaljin kienu għalqu wara ftit snin. Xi proġetti swew sa EUR 9 000 f'sussidji mill-UE għal kull xahar li fih kienu joperaw.

L-awdituri jagħmlu għadd ta' rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni bil-ħsieb tal-perjodu ta' programmazzjoni 2023-2027 tal-Politika Agrikola Komuni (PAK). B'mod partikolari, jirrakkomandaw li l-Kummissjoni tgħin fit-tixrid ta' informazzjoni dwar l-aħjar modi kif:

- jiġi żgurat li l-proġetti jkunu durabbli, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni t-tipi differenti ta' investimenti li tagħtilhom appoġġ;
- tinġabar evidenza li l-attivitajiet iffinanzjati għadhom joperaw;
- fi ftehimiet ta' għotja jiġu stabbiliti kundizzjonijiet li jirrikjedu li l-proġetti appoġġati jintużaw għall-iskop intenzjonat tagħhom.

Informazzjoni ġenerali

Il-QEA analizzat ukoll l-appoġġ mill-UE għall-infrastruttura rurali fir-[Rapport Speċjali 25/2015](#), u ġew osservati wkoll problemi bid-durabbiltà ta' investimenti fil-qasam tal-koeżjoni ffinanzjati mill-UE fir-[Rapport Speċjali 08/2018](#) u fir-[Rapport Speċjali 06/2011](#).

Ir-Rapport Speċjali 12/2022, *"Durabbiltà fl-iżvilupp rurali: il-biċċa l-kbira mill-proġetti jibqgħu operazzjonali għall-perjodu meħtieġ, iżda hemm opportunitajiet biex jinkisbu riżultati aktar dejjiema"*, huwa disponibbli fuq is-[sit web tal-QEA](#).

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547
- Vincent Bourgeois: vincent.bourgeois@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502
- Damijan Fišer: damijan.fiser@eca.europa.eu - M: (+352) 621 552 224